MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Numru. 7/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**Vs**

**Mario Emanuel Camilleri ta' 37 sena, bin Joseph u Maria nee' Camilleri, imwieled New York City, Stati Uniti ta' l-Amerka, fit-30 ta' Awissu 1972, residenti f''Cynthia', Triq ta' Marziena, Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 29190(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Mario Emanuel Camilleri akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Marzu tas-sena 2006 jew f'xi perjodu qabel, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' certifikat ta' edukazzjoni sekondarja.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali mahrug ai termini ta' l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-kaz inkwistjoni jirrigwardaw certifikat ta' edukazzjoni sekondarja ossija *school leaving certificate.* Dan ic-certifikat inhareg fuq isem Raphael Axiak mill-iskola Ninu Cremona Lyceum Complex datat 11 ta' Gunju 1987 u qieghed jigi allegat li dan ic-certifikat gie ffalsifikat mill-imputat Mario Emanuel Camilleri bl-iskop li Raphael Axiak jikkwalifika ghall-kariga ta' *principal security officer* gewwa l-Isptar Generali ta' Ghawdex wara li kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet interna appozita. Kienu saru l-intervisti u hargu r-rizultati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u Raphael Axiak kien gie l-ewwel fil-gradwatorja. Certu Benjamin Sciberras hassu aggravat bir-rizultat peress li huwa gie fit-tieni post u ressaq ilment fis-16 ta' Settembru 2005.

Il-Kummissjoni rreferiet il-kaz lill-Bord tal-Ghazla u talbet ghall-kummenti tal-Bord li min-naha tieghu ta spjega ta' kif inghataw il-marki. Il-Kummissjoni ma kinitx sodisfatta u

baghtet ghall-Bord tal-Ghazla u f'tali laqgha rrizulta li Raphael Axiak ma kienx prezenta dokumenti ma' l-applikazzjoni tieghu. B'hekk il-Kummissjoni talbet lill-Bord tal-Ghazla sabiex titlob minghand l-istess Raphael Axiak jipproducu dan ic-certifikat. Raphael Axiak ghadda certifikat lill-Bord tal-Ghazla li gie mghoddi lill-Kummissjoni. Kien f'dan l-istadju li meta l-Kummissjoni rat l-*school leaving certificate* dahlu certu suspetti u dan peress li l-persuna li kienet tidher il-firma taghha bhala Kap ta' l-Iskola ma kienx kap ta' l-iskola fid-data li kienet imnizzla fic-certifikat (Dok RA 6). Oltre' dan, il-format tac-certifikat kien differenti mill-format tac-certifikati l-ohra in vista li l-format kien ta' *school leaving certificate* li gie adottat fis-snin ricenti. Inoltre' kien hemm ukoll bhala suggett *computer studies* li fl-1987 ma kienx qieghed jigi mghallem u lanqas il-klassi Form 5L ma kienet tezisti. Irrizulta wkoll li Raphael Axiak kien attenda l-iskola Ninu Cremona ghal erba' (4) snin biss u wara gie trasferit ghat-Technical Institute. Irrizulta wkoll mir-rapport tal-perit nominat mill-Qorti Dr Martin Bajada li l-firma ta' 'C. Attard' u cioe' ta' Carmel Attard bhala kap ta' l-iskola fil-fatt mhijiex il-firma awtentika ta' l-istess Carmel Attard. L-istess Carmel Attard ikkonferma wara li ra Dok RA6 li l-firma li tidher f'dak id-dokument mhix il-firma tieghu.

L-Ispettur Angelo Gafa' interroga lil Raphael Axiak li rrilaxxja l-istqarrija u li kien ammetta li c-certifikat kien falz u kien qal li kien talab l-ghajnuna ta' certu Mario Emanuel Camilleri mill-Munxar u li kien dan ta' l-ahhar li nizzel id-dettalji fic-certifikat inkluzi l-marki u l-firma tal-Kap ta' l-Iskola u dan fuq struzzjonijiet ta' Raphael Axiak. L-imputat cahad li huwa qatt kellu x'jaqsam ma' dan ic-certifikat.

<u>Akkuza ta' Falsifikazzjoni</u>

Illi l-imputat jinsab akkuzat bl-akkuza ta' falsifikazzjoni a tenur ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali.

Illi d-dokument soggett ghall-falsifikazzjoni huwa certifikat ta' skola cioe' *school leaving certificate.* Dan id-dokument huwa f'forma ta' formola li timtela mill-ufficjal ta' l-edukazzjoni w imbaghad jiffirmah il-Kap ta' l-Iskola. Mill-

atti processwali rrizulta li d-dettalji mimlija fic-certifikat u l-firma tal-Kap ta' l-Iskola huma foloz. Dan lanqas ma gie kkontestat. Infatti rrizulta s-segwenti:

(i) Raphael Axiak dam biss 4 snin fl-iskola sekondarja Ninu Cremona u kwindi mhux minnu dak indikat fic-certifikat li huwa telaq mill-iskola fil-11 ta' Gunju 1987.

(ii) Ma kienet tezisti l-ebda klassi Form 5L u Raphael Axiak lanqas biss iffrekwenta l-Form 5 peress li wara l-Form 4 kien trasferit ghat-Technical Institute. Konsegwentement lanqas il-marki mhuma veritieri.

(iii) Is-suggett tal-*computer studies* ma kienx jigi mghallem fis-sena skolastika tal-1987.

(iv) Il-firma tal-Kap ta' l-Iskola hija wkoll falza u dan tenut kont ukoll li fis-sena 1987 il-Kap ta' l-Iskola lanqas ma kien Carmel Attard izda George Cassar hekk kif ikkonfermat minn dan ta' l-ahhar.

Ghar-rigward tar-reat tal-falsifikazzjoni, il-ligi tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. L-imputat qieghed jigi akkuzat bil-falz materjali. Hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea** deciza mill-Qorti ta' L-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997 li:

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in*

*tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg."*

Illi m'hemmx dubju li c-certifikat ta' edukazzjoni sekondarja huwa att pubbliku. Dan ic-certifikat intuza minn Raphael Axiak sabiex jikseb il-kariga ta' *principal security officer* fl-Isptar Generali t'Ghawdex.

Illi rrizulta wkoll li Mario Emanuel Camilleri huwa impjegat pubbliku. Fiz-zmien li sehh ir-reat huwa kien jahdem fis-Segretarjat tal-Ministeru ghal Ghawdex.

Illi jifdal issa li jigi trattat il-punt jekk il-persuna li mliet id-dettalji fuq dan ic-certifikat u li ffirmat l-istess dokument kienx l-imputat.

Illi l-imputat ha l-pedana tax-xhieda u filwaqt li xehed li huwa jaf min huwa Raphael Axiak cahad b'mod kategoriku li kien huwa li mela c-certifikat. Huwa xehed li lil Raphael Axiak kien jafu biss minn wiccu u kien semplici konoxxenza.

Illi l-espert nominat minn din il-Qorti Dr Martin Bajada ikkonkluda li *'waqt li mhux eskluz li l-kitba u l-firem fuq DOK RA6 saru minn Mario Emanuel Camilleri ID 29190M a bazi ta' kunsiderazzjoni u opinjoni* <u>*bla ebda dubju*</u> *l-esponent huwa tal-opinjoni li ma hemmx bizzejjed evidenza li l-kitba u l-firma saru minn Mario Emanuel Camilleri ID 29190M '.*

Illi l-uniku xhud li fil-fatt jimplika lill-imputat f'dan ir-reat huwa l-istess Raphael Axiak li diga' ghadda proceduri kriminali u nstab hati ta' uhud mill-akkuzi dedotti kontrih.

Id-difiza sostniet li x-xhieda ta' Axiak trid tittiehed b'cirkospezzjoni.

Illi kif inhu maghruf f'kaz ta' kunflitt fil-provi mbaghad, jew cahda da parti ta' l-imputat tal-fatti li qed ikunu imputati lilu mhux necessarjament ghandu jigi liberat. Hawn ukoll pronunzjat ruhha diversi drabi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali.

*Il-fatt li l-appellant cahad dawn l-incidenti w li ghalhekk hemm konflitt fil-provi ma jfissirx necessarjament li hu kellu jigi liberat ghax l-Ewwel Qorti kienet libera li temmen il-versjonijiet ta' … u tiskarta dik tieghu. Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni ta' akkuzat. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker" [19.5.1997]: "It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*[1].

Fix-xhieda ta' Raphael Axiak irrizultaw zewg inkonsistenzi – (i) li meta mar ikellem lill-imputat kien hemm skrivanija wahda fl-ufficju mentri rrizulta li l-ufficcju ta' fejn kien jahdem l-imputat kien fih xi 3 skrivaniji u (ii) li meta xehed l-Ispettur Gafa' qal li Axiak kien irilaxxa l-istqarrija u qal li l-imputat gab certifikat bit-timbru tal-iskola vojt u li l-firma ta' C. Attard kienu rawha minn fuq certifikat iehor li kellu l-firma ta' C. Attard u li kien iddobba l-istess Raphael Axiak. Mentri meta Raphael Axiak xehed quddiem din il-Qorti qal li qabel ma mar l-ufficcju ta' Camilleri qatt ma kien ra certifikat ta' edukazzjoni sekondarja u li l-imputat kellu certifikat iehor mimli bhalu hdejh. Ta' dan kollu l-imputat ma ha xejn.

---

[1] **Pulizija vs Omissis**, Appell Numru 51/2003 deciz 04/09/2009 per Imhallef Dr J Galea Debono.

Illi tenut kont ta' dan kollu xorta wahda l-Qorti taghti affidabilita' lix-xhieda ta' Raphael Axiak li, hlief ghal dawn iz-zewg inkonsistenzi, fil-verita' ma jbiddlu xejn mill-fatt ta' min ikkommetta l-falz materjali ghaliex dwar dan kien xhud konsistenti. Infatti hawnhekk isib rilevanza principju iehor li huwa ben stabbilit u li jrid jiggwida lil din il-Qorti li jirreferi ghall-fatt li xhud wiehed jekk emmnut huwa sufficjenti biex tinstab htija minghajr il-bzonn ta' korroborazzjoni. Fil-fatt il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet diversi drabi li '*Xhud wiehed, jekk emnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija*[2]

Fil-kaz inkwistjoni ma hemmx biss ix-xhieda ta' Raphael Axiak izda wkoll il-konkluzjoni ta' l-espert nominat mill-Qorti Dr Bajada li kkonkluda li ma jeskludix li l-firma u l-kitba huma ta' l-imputat.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni, il-fedina penali netta ta' l-imputat. Mix-xhieda ta' Joseph Portelli irrizulta li l-imputat huwa ufficjal pubbliku u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hief li tapplika d-disposizzjoni ta' l-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali u cioe' li bhala zieda mal-piena taghha l-interdizzjoni generali perpetwa.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 183 u 190 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih u tikkundannah ghall-perjodu ta' hmistax (15)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn millum.

Il-Qorti b'zieda mal-piena, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 190 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna l-interdizzjoni perpetwa u generali tal-hati.

[2] Ara per ezempju **Pulizija vs Antoine Cutajar** deciza 16/03/2001.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------